# Qorti tal-Maġistrati (Malta)
# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 28 ta' Mejju 2023

**Il-Pulizija**

(Spettur Ritienne Gauci)

**vs**

**Klodjan Ranci**

**(Karta tal-Identità' Albaniża Nru 033833959)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Klodjan Ranci** ta' 49 sena, iben Astrit u Zibush neè Pallosh', imwieled ġewwa l-Albania nhar id-29 ta' Ġunju 1973, residenti ġewwa No 6, Flat 8, Triq San Publju, Floriana u detentur tal-karta tal-identità Albaniża bin-numru 033833959 u akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmulha b'reżoluzzjoni waħda u ċioè:

1. Nhar **is-26 ta' Frar 2023, għal-ħabta tat-16:45 ta' wara nofsinhar**, min-ġewwa l-ħanut bl-isem Smart Supermarket sitwat Triq in-Naxxar, Birkirkara: ikkommetta serq ta' prodotti ta ikel u elettrodomestiċi (*toaster*), għad-dannu ta' Smart Supermarket, u/jew entitajiet oħra;

2. U aktar talli nhar **it-22 ta' April, 2023 għal ħabta ta' 10:25 ta' filgħodu**, min-ġewwa l-ħanut bl-isem Smart Supermarket sitwat Triq in-Naxxar, Birkirkara: ikkommetta serq ta' prodotti ta ikel, għad-dannu ta' Smart Supermarket, u/jew entitajiet oħra;

3. U aktar talli nhar **is-06 ta' Mejju 2023, għal-ħabta tat-10:00 ta' filgħodu**, min-ġewwa l-ħanut bl-isem Smart Supermarket sitwat Triq in-Naxxar, Birkirkara: ikkommetta serq ta' prodotti ta ikel, għad-dannu ta' Smart Supermarket, u/jew entitajiet oħra;

4. U aktar talli nhar **is-07 ta' Mejju 2023, għal-ħabta tat-17:00 ta' wara nofsinhar**, min-ġewwa l-ħanut bl-isem Smart Supermarket sitwat Triq in-Naxxar, Birkirkara: ikkommetta serq ta' prodotti ta ikel, għad-dannu ta' Smart Supermarket, u/jew entitajiet oħra;

5. U aktar talli **nhar it-13 ta' Mejju 2023, għal-ħabta tat-10:45 ta' filgħodu**, min-ġewwa l-ħanut bl-isem Smart Supermarket sitwat Triq in-Naxxar, Birkirkara: ikkommetta serq ta' prodotti ta ikel, għad-dannu ta' Smart Supermarket, u/jew entitajiet oħra;

6. U aktar talli nhar **l-14 ta' Mejju 2023, għal-ħabta tal-10:40 ta' filgħodu**, min-ġewwa l-ħanut bl-isem Smart Supermarket sitwat Triq in-Naxxar, Birkirkara: ikkommetta serq ta' prodotti ta ikel, għad-dannu ta' Smart Supermarket, u/jew entitajiet oħra;

7. U aktar talli nhar **l-20 ta' Mejju 2023, għal-ħabta ta' bejn 09:35 ta' filgħodu u 12:30 ta wara nofsinhar**, min-ġewwa l-ħanut bl-isem Smart Supermarket sitwat Triq in-Naxxar, Birkirkara: ikkommetta serq ta'

prodotti ta ikel, għad-dannu ta' Smart Supermarket, u/jew entitajiet oħra.

8. U finalment talli nhar **is-27 ta' Mejju, 2023 għal ħabta ta 10:15 ta' filgħodu** min-ġewwa l-ħanut bl-isem Smart Supermarket sitwat Triq in-Naxxar, Birkirkara: ikkommetta serq ta' prodotti ta ikel, għad-dannu ta' Smart Supermarket, u/jew entitajiet oħra.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-ħati jħallas d-danni ai termini ta' l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi fil-każ de quo jirriżulta illi l-akkużat għamel serje ta' serqiet żgħar minn ġewwa l-istabbiliment magħruf bħala Smart Supermarket. Id-diriġenti tal-istabbiliment kienu ilhom jinnotaw oġġetti nieqsin u minn eżami tal-footage tal-CCTV indunaw bl-identità tal-akkużat u rawħ jisraq l-oġġetti. Fil-maġġoranza tal-episodji, is-serq kien ikun ta' oġġetti tal-ikel u l-ammont ta' kull serqa kien ikun ta' inqas minn €232.94 kull

serqa. Kien hemm xi drabi oħra fejn seraq oġġetti li m'humiex ikel iżda xorta relatati mal-kċina, bħal per eżempju meta seraq it-toaster.

Il-Qorti tinnota li minkejja li l-akkużat ġie akkużat ben bi 8 okkażjonijiet ta' serq differenti, dawn l-okkażjonijiet differenti jissosidfaw il-kriterji sabiex jiġu kkunsidrati bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat. Filfat, ġie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Victor Attard Portughes**,[1] illi:

> *"Sabiex reat ikun wiehed kontinwat, jehtieg li li jikkonkorru tlett rekwiżiti, ċioè,*
>
> *(1) Diversi azzjonijiet li jivvjolaw l-istess, disposizzjoni tal-ligi;*
> *(2) li gew maghmula f'okkazzjonijet differenti;*
> *(3) li gew maghmula dejjem bl-istess risoluzzjoni jew intenzjoni kriminuza biex tinkiser dik l-istess disposizzjoni tal-ligi*"

Illi dan ma jfissirx illi r-reati individwali ma jissussistux, iżda biss li għandhom jitqiesu b'finzjoni legali bħala reat wieħed. Filfatt, ġie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri**[2] illi:

> *"Ir-reat kontinwat huwa finzjoni legali krejata essenzjalment ghall-beneficcju ta' l-akkuzat b'piena indeterminata li tigi komminata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubju ragonevoli ir-reati individwali komponenti tieghu kif ukoll ippruvata l-ezistenza ta' rizoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk ir-reati ma' xulxin. Fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi."*

[1] **Il-Pulizija vs Victor Attard Portughes**, Qorti tal-Appell Kriminali, 25 ta' Frar 2016.
[2] **Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri**, Qorti tal-Appell Kriminali, 30 ta' Ottubru 2001.

Illi b'hekk, abbażi tal-prinċipju hawnhekk enunċjati, għall-finijiet ta' kalibrar tal-piena, il-Qorti ser tqishom bħala reat wieħed bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni tal-pulizija u anke llum stess fl-ewwel dehra quddiem dina l-Qorti. Għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti semgħet illi l-akkużat ħallas dak kollu li kien mitlub mid-diriġenti tal-istabbiliment ta' Smart Supermarket. Semgħet ukoll li għalkemm l-akkużat ilu żmien jirrisjedi hawn Malta, din kienet l-ewwel darba li xellef difrejħ mal-ġustizzja. Waqt is-seduta l-akkużat stqarr li jiddispjaċieħ ħafna għal dak li għamel u saħansitra talab skuża mal-awtoritajiet talli xellef difrejħ mal-liġi.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 31, 261, 284 u 285 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Klodjan Ranci <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tillibera lill-ħati bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien **<u>sentejn (2)</u>** mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem li huwa jifhem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali li ġie akkużat bihom f'dan il-każ kif ukoll għal dawk ir-reati li tagħhom ikun instab ħati.

Illi l-Qorti tqis li peress li ġie dikjarat li l-ħati ħallas dak kollu li kien mitlub mill-parti derubata, ma tarax li hemm il-ħtieġa tal-applikazzjoni tal-Artikolu 532A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi finalment il-Qorti tqis li m'hemmx ħtieġa ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li f'dan il-każ ma kien hemm ebda ħtieġa ta' ħatra ta' esperti.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**